

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-11 ta' Frar 2016****Li tadotta d-deċiżjonijiet ta' importazzjoni tal-Unjoni għal ċerti sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u temenda d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2005/416/KE u 2009/966/KE**

(2016/C 61/06)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tiegħu,Wara li kkonsultat mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni⁽²⁾,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (UE) Nru 649/2012, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, fisem l-Unjoni, jekk għandhiex tippermetti l-importazzjoni fl-Unjoni ta' kull sustanza kimika li hija suġġetta għall-proċedura tal-kunsens infurmat minn qabel (PIC), jew le.
- (2) Il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) u l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) inhattru sabiex jipprovdu s-servizzi ta' segretarjat għat-tħaddim tal-proċedura PIC stabbilita bil-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura tal-Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Sustanzi Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Rotterdam"), li ġiet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE⁽³⁾.
- (3) Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi bħala awtorità maħtura komuni, hi obbligata tressaq id-deċiżjonijiet ta' importazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi li huma suġġetti għall-proċedura PIC lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam ("is-Segretarjat"), fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
- (4) Is-sustanza kimika metamidofos ġiet miżjuda, bħala pestiċida, mal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, bid-Deċiżjoni RC 7/4 tas-seba' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet. Dan jirrikjedi li kull parti tippreżenta risposta dwar l-importazzjoni lis-Segretarjat għall-inklużjoni tal-metamidofos bħala pestiċida. Il-lista eżistenti ta' formulazzjonijiet ta' pestiċidi serjament perikolużi (formulazzjonijiet likwidi li jinħallu li jaqbżu s-600 g ta' ingredjent attiv/l) li fihom il-metamidofos fl-Anness III, se titħassar, inklużi r-risposti dwar l-importazzjoni ppreżentati għal dik l-entrata. Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni dwarhom mis-Segretarjat, fil-forma ta' dokument ta' gwida għad-deċiżjonijiet. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-metamidofos ma tistax titqiegħed fis-suq u tintuża bħala kostitwent ta' taħlitiet li jaġixxu bħala prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti⁽⁴⁾.
- (5) Jintħtieġ li jiġu emendati d-deċiżjonijiet preċedenti dwar l-importazzjoni marbuta mas-sustanzi kimiċi DDT u l-ossidu tal-etilen sabiex jirriflettu t-tkabbir tal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013 kif ukoll sabiex iqsu l-iżviluppi regolatorji fl-Unjoni minn mindu għew adottati dawk id-deċiżjonijiet.
- (6) It-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ossidu tal-etilen skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾ huma limitati għal qasam speċifiku wieħed skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014⁽⁶⁾. Konsegwentement, l-importazzjonijiet huma permessi biss għal dak l-użu speċifiku. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk jawtorizzawx dak l-użu, fit-territorju tagħhom, permess skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012.

⁽¹⁾ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60.

⁽²⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1).

- (7) Il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' DDT, kemm jekk waħedha, fi preparazzjonijiet jew bħala kostitwent ta' oġġetti, huma pprojbiti fl-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (8) Id-deċiżjoni ta' importazzjoni dwar il-metamidofos għandha tiġi adottata u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2005/416/KE ⁽²⁾ u 2009/966/KE ⁽³⁾ għandhom jiġu emendati skont dan.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni tal-metamidofos stabbilita fil-formola għar-risposta dwar l-importazzjoni mogħtija fl-Anness I, hija adottata.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni tal-ossidu tal-etilen kif stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2009/966/KE qed tinbidel bid-deċiżjoni dwar l-importazzjoni għall-ossidu tal-etilen stabbilita fil-formola għar-risposta dwar l-importazzjoni fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-deċiżjoni dwar l-importazzjoni tad-DDT kif stabbilit fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2005/416/KE qed tinbidel bid-deċiżjoni dwar l-importazzjoni għad-DDT stabbilita fil-formola għar-risposta dwar l-importazzjoni fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni

Karmenu VELLA

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 850/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/416/KE tad-19 ta' Mejju 2005 li taddotta d-deċiżjonijiet tal-Komunità dwar l-importazzjoni tal-kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 304/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda d-Deċiżjonijiet 2000/657/KE, 2001/852/KE u 2003/508/KE (ĠU L 147, 10.6.2005, p. 1).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/966/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li taddotta deċiżjonijiet Komunitarji dwar l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda d-Deċiżjonijiet 2000/657/KE, 2001/852/KE, 2003/508/KE, 2004/382/KE u 2005/416/KE (ĠU L 341, 22.12.2009, p. 14).

ANNEX I

Deċiżjoni dwar l-importazzjoni għall-metamidofos



ROTTERDAM CONVENTION

SECRETARIAT FOR THE ROTTERDAM CONVENTION
ON THE PRIOR INFORMED CONSENT PROCEDURE
FOR CERTAIN HAZARDOUS CHEMICALS AND PESTICIDES
IN INTERNATIONAL TRADE



FORM FOR IMPORT RESPONSE

Pajjiż:

L-Unjoni Ewropea

(L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Germanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit)

TAQSIMA 1 IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1 Isem komuni

Metamidofos

1.2 Numru CAS

10265-92-6

1.3 Kategorija

 Pestiċida Industrijali Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 INDIKAZZJONI DWAR RISPOSTA PREĊEDENTI, JEKK IKUN IL-KAŻ

2.1 Din hi l-ewwel darba li qed tingħata risposta dwar l-importazzjoni ta' din is-sustanza kimika fil-pajjiż.2.2 Din hija modifika ta' risposta preċedenti.

Data tal-ħruġ tar-risposta preċedenti:

TAQSIMA 3 RISPOSTA DWAR IMPORTAZZJONI FUTURA

 Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 t'hawn taħt) JEW Tweġiba *interim* (Imla t-taqsima 5 t'hawn taħt)

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, F'KONFOMITÀ MAL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI

4.1 L-ebda kunsens għall-importazzjoniL-importazzjoni tas-sustanza kimika hi simultanjamment ipprojbta mis-sorsi kollha? Iva LeIl-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija simultanjamment ipprojbta? Iva Le

4.2 **Kunsens għall-importazzjoni**

4.3 **Kunsens għall-importazzjoni b'kundizzjonijiet speċifikati biss**

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi Iva Le kollha ta' importazzjoni?

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? Iva Le

4.4 **Miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali**

Deskrizzjoni tal-miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva:

Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom il-metamidofos ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw, minħabba li din is-sustanza attiva mhijiex approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

Barra minn hekk, huwa pprojbit li jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw prodotti bijoċidali li fihom il-metamidofos, billi l-ebda prodott bijoċidali li fih din is-sustanza attiva mhux awtorizzat skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

TAQSIMA 5 **RISPOSTA *INTERIM***

5.1 **L-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hi simultanjament ipprojbata mis-sorsi kollha? Iva Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija simultanjament ipprojbata? Iva Le

5.2 **Kunsens għall-importazzjoni**

5.3 **Kunsens għall-importazzjoni b'kundizzjonijiet speċifikati biss**

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi Iva Le kollha ta' importazzjoni?

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? Iva Le

5.4 **Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Qed tiġi attivament ikkunsidrata deċiżjoni finali? Iva Le

5.5 **Informazzjoni jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

L-informazzjoni addizzjonali li gejjja qed tintalab mis-Segretarjat:

L-informazzjoni addizzjonali li ġejja qed tintalab mill-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

L-għajnuna li ġejja qed tintalab mis-Segretarjat għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika:

TAQSIMA 6 INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI TISTA' TINKLUDI DAN LI ĠEJ:

Din is-sustanza kimika hi attwalment irreġistrata f'dan il-pajjiż? Iva Le

Din is-sustanza kimika hi mmanifatturata f'dan il-pajjiż? Iva Le

Jekk weġibt iva għal xi waħda minn dawn iż-żewġ mistoqsijiet:

Din is-sustanza kimika hi maħsuba għall-użu domestiku? Iva Le

Din is-sustanza kimika hi maħsuba għall-esportazzjoni? Iva Le

Kummenti oħra

Skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, li jimplimenta s-Sistema Globalment Armonizzata tan-NU tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar ta' Sustanzi Kimiċi fl-UE, il-metamidofos hija kklassifikata bħala:

Tossiċità Akuta 2* – H 300 – Fatali jekk jinbela'.

Tossiċità Akuta 2* – H 330 – Fatali jekk jinxtamm.

Tossiċità Akuta 3* – H 311 – Tossiku meta jmiss mal-ġilda.

Akkwatiku Akut 1 – H 400 - Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi.

(* = Din il-klassifikazzjoni għandha titqies bħala klassifikazzjoni minima)

TAQSIMA 7 AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent
Indirizz	Rue de la Loi 200, 1049 Brussell, il-Belġju
Isem il-persuna inkarigata	Dr. Juergen Helbig
Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata	Uffiċjal Prinċipali għall-Politika
Numru tat-telefown	+32 22988521
Numru tal-faks	+32 22967616
Indirizz tal-posta elettronika:	Juergen.Helbig@ec.europa.eu

Id-data, il-firma f'isem l-awtorità nazzjonali maħtura u s-siġill uffiċjali:

JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT IL-FORMOLA MIMLIJA LURA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
00100 Rome
ITALIA

Tel. +39 0657053441
Fax +39 0657056347
Posta elettronika: pic@pic.int

JEW

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH - 1219 Châtelaine, Geneva
SWITZERLAND

Tel. +41 229178177
Fax +41 229178082
Posta elettronika: pic@pic.int

ANNEX II

Id-deċiżjoni riveduta dwar l-importazzjoni għall-ossidu tal-etilen



ROTTERDAM CONVENTION

SECRETARIAT FOR THE ROTTERDAM CONVENTION
ON THE PRIOR INFORMED CONSENT PROCEDURE
FOR CERTAIN HAZARDOUS CHEMICALS AND PESTICIDES
IN INTERNATIONAL TRADE



FORM FOR IMPORT RESPONSE

Pajjiż:

L-Unjoni Ewropea

(L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Germanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit)

TAQSIMA 1 IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1 Isem Komuni

Ossidu tal-etilen

1.2 Numru CAS

75-21-8

1.3 Kategorija

 Pestiċida Industrijali Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 INDIKAZZJONI DWAR RISPOSTA PREĊEDENTI, JEKK IKUN IL-KAŻ

2.1 Din hi l-ewwel darba li qed tingħata risposta dwar l-importazzjoni ta' din is-sustanza kimika fil-pajjiż.2.2 Din hija modifika ta' risposta preċedenti.

Data tal-ħruġ tar-risposta preċedenti: 01/2010

TAQSIMA 3 RISPOSTA DWAR IMPORTAZZJONI FUTURA

 Deċiżjoni finali (Imla t-taqsima 4 t'hawn taħt) JEW Tweġiba *interim* (Imla t-taqsima 5 t'hawn taħt)

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, F'KONFOMITÀ MAL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI

4.1 L-ebda kunsens għall-importazzjoni

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hi simultanjamment ipprojbata mis-sorsi kollha?

 Iva Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija simultanjamment ipprojbata?

 Iva Le

4.2 **Kunsens għall-importazzjoni**

4.3 **Kunsens għall-importazzjoni b'kundizzjonijiet speċifikati biss**

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha ta' importazzjoni? Iva Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? Iva Le

4.4 **Miżura nazzjonali leġislattiva jew amministrattiva li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali**

Deskrizzjoni tal-miżura nazzjonali leġislattiva jew amministrattiva:

TAQSIMA 5 **RISPOSTA *INTERIM***

5.1 **L-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hi simultanjamment ipprojbata mis-sorsi kollha? Iva Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija simultanjamment ipprojbata? Iva Le

5.2 **Kunsens għall-importazzjoni**

5.3 **Kunsens għall-importazzjoni b'kundizzjonijiet speċifikati biss**

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom l-ossidu tal-etilen ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw, minħabba li din is-sustanza attiva mhijiex approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

Għall-prodotti bijoċidali

Skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' fidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1), din is-sustanza hija elenkata fl-Anness II li jippermetti biss it-tqegħid fis-suq għal użi fil-PT2 (diżinfettanti u algicidi li mhumiex maħsuba għall-applikazzjoni diretta fuq il-bnedmin jew l-annimali).

Ir-risposti tal-Istati Membri individwali tal-Unjoni Ewropea għall-użi permessi biss tal-ossidu tal-etilen fil-prodotti bijoċidali fil-PT2 (diżinfettanti u algicidi li mhumiex maħsuba għall-applikazzjoni diretta fuq il-bnedmin jew l-annimali) huma kif ġej:

L-Istati Membri li jaqblu li jimportaw, soġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni nazzjonali li tista' tapplika: id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Iżvezja, ir-Renju Unit.

L-Istati Membri li jaqblu li jimportaw (għall-importazzjoni tinħtieġ awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel): l-Awstrija, il-Belġju, il-Kroazja, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja.

L-Istati Membri li jaqblu li jimportaw għall-isterilizzazzjoni tal-għodod tal-kirurġija biss skont id-Direttiva 93/42/KE (għall-importazzjoni tinħtieġ awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel): il-Bulgarija, Ċipru, Il-Greċja, is-Slovakkja, Spanja, ir-Rumanija.

L-Istati Membri li ma jaqblux li jimportaw: ir-Repubblika Ċeka, Malta.

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha ta' importazzjoni? Iva Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? Iva Le

5.4 **Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**
Qed tiġi attivament ikkunsidrata deċiżjoni finali? Iva Le

5.5 **Informazzjoni jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**
L-informazzjoni addizzjonali li ġejja qed tintalab mis-Segretarjat:

L-informazzjoni addizzjonali li ġejja qed tintalab mill-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

L-għajnuna li ġejja qed tintalab mis-Segretarjat għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika:

TAQSIMA 6 **INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI TISTA' TINKLUDI DAN LI ĠEJ:**

Din is-sustanza kimika hi attwalment irreġistrata f'dan il-pajjiż? Iva Le

Din is-sustanza kimika hi mmanifatturata f'dan il-pajjiż? Iva Le

Jekk wegħibt iva għal xi waħda minn dawn iż-żewġ mistoqsijiet:

Din is-sustanza kimika hi maħsuba għall-użu domestiku? Iva Le

Din is-sustanza kimika hi maħsuba għall-esportazzjoni? Iva Le

Kummenti oħra

Skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, li jimplimenta s-Sistema Globalment Armonizzata tan-NU tal-Klassifikazzjoni u l-Iltikkettar ta' Sustanzi Kimiċi fil-UE, l-ossidju tal-etilen hija kklassifikata bħala:

Gass Taħt pressjoni

Li jaqbad Gass 1 - H 220 - Gass li jaqbad malajr ħafna.

Irritazzjoni fil-ġilda 2 - H 315 - Jikkawża irritazzjoni fil-ġilda.

Irritazzjoni lill-għajnejn 2 - H 319 - Jagħmel irritazzjoni serja lill-għajnejn.

Tossiċità Akuta 3* - H 331 - Fatali jekk jinxamm.

STOT SE 3 - H 335 - Jista' jikkawża irritazzjoni respiratorja.

Mutaġenità 1B - H 340 - Jista' jikkawża difetti ġenetiċi.

Karċinoġeniċità 1B - H 350 - Jista' jikkawża l-kanċer.

(* = Din il-klassifikazzjoni għandha titqies bħala klassifikazzjoni minima)

TAQSIMA 7 **AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA**

Istituzzjoni Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent

Indirizz Rue de la Loi 200, 1049 Brussell, il-Belġju

Isem il-persuna inkarigata Dr. Juergen Helbig

Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata Uffiċjal Prinċipali għall-Politika

Numru tat-telefown +32 22988521

Numru tal-faks +32 22967616

Indirizz tal-posta elettronika: Juergen.Helbig@ec.europa.eu

Id-data, il-firma f'isem l-awtorità nazzjonali maħtura u s-siġill uffiċjali:

JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT IL-FORMOLA MIMLIJA LURA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
00100 Rome
ITALIA

Tel. +39 0657053441
Faks +39 0657056347
Posta elettronika: pic@pic.int

JEW

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH - 1219 Châtelaine, Geneva
SWITZERLAND

Tel. +41 229178177
Faks +41 229178082
Posta elettronika: pic@pic.int

ANNEX III

Id-deċiżjoni riveduta dwar l-importazzjoni għad-DDT



ROTTERDAM CONVENTION

SECRETARIAT FOR THE ROTTERDAM CONVENTION
ON THE PRIOR INFORMED CONSENT PROCEDURE
FOR CERTAIN HAZARDOUS CHEMICALS AND PESTICIDES
IN INTERNATIONAL TRADE



FORM FOR IMPORT RESPONSE

Pajjiż:

L-Unjoni Ewropea

(L-Istati Membri: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Germanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit)

TAQSIMA 1 IDENTITÀ TAS-SUSTANZA KIMIKA

1.1 Isem komuni

DDT (diklorurdifeniltrikloroetan)

1.2 Numru CAS

50-29-3

1.3 Kategorija

- Pestiċida
 Industrijali
 Formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna

TAQSIMA 2 INDIKAZZJONI DWAR RISPOSTA PREĊEDENTI, JEKK IKUN IL-KAŻ

2.1 Din hi l-ewwel darba li qed tingħata risposta dwar l-importazzjoni ta' din is-sustanza kimika fil-pajjiż.2.2 Din hija modifika ta' risposta preċedenti.

Data tal-ħruġ tar-risposta preċedenti: 06/2005

TAQSIMA 3 RISPOSTA DWAR IMPORTAZZJONI FUTURA

 Deċiżjoni finali (Imla t-taqsim 4 t'hawn taħt) JEW Tweġiba *interim* (Imla t-taqsim 5 t'hawn taħt)

TAQSIMA 4 DEĊIŻJONI FINALI, F'KONFOMITÀ MAL-MIŻURI LEĠIŻLATTIVI JEW AMMINISTRATTIVI NAZZJONALI

4.1 L-ebda kunsens għall-importazzjoniL-importazzjoni tas-sustanza kimika hi simultanjamment ipprojbta mis-sorsi kollha? Iva LeIl-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija simultanjamment ipprojbta? Iva Le

4.2 **Kunsens għall-importazzjoni**

4.3 **Kunsens għall-importazzjoni b'kundizzjonijiet speċifikati biss**

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha ta' importazzjoni? Iva Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? Iva Le

4.4 **Miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni finali**

Deskrizzjoni tal-miżura nazzjonali leġiżlattiva jew amministrattiva:

Il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu tad-DDT, kemm waħidha, fi preparazzjonijiet jew bħala kostitwent ta' oġġetti, huma pprojbiti fl-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

TAQSIMA 5 **RISPOSTA INTERIM**

5.1 **L-ebda kunsens għall-importazzjoni**

L-importazzjoni tas-sustanza kimika hi simultanjamment ipprojbita mis-sorsi kollha? Iva Le

Il-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku hija simultanjamment ipprojbita? Iva Le

5.2 **Kunsens għall-importazzjoni**

5.3 **Kunsens għall-importazzjoni b'kundizzjonijiet speċifikati biss**

Il-kundizzjonijiet speċifikati huma:

Il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tas-sustanza kimika huma l-istess għas-sorsi kollha ta' importazzjoni? Iva Le

Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni domestika tas-sustanza kimika għall-użu domestiku huma l-istess għall-importazzjonijiet kollha? Iva Le

5.4 **Indikazzjoni ta' kunsiderazzjoni attiva sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

Qed tiġi attivament ikkunsidrata deċiżjoni finali? Iva Le

5.5 **Informazzjoni jew għajnuna mitluba sabiex tintlaħaq deċiżjoni finali**

L-informazzjoni addizzjonali li ġejja qed tintalab mis-Segretarjat:

L-informazzjoni addizzjonali li ġejja qed tintalab mill-pajjiż li nnotifika l-azzjoni regolatorja finali:

L-għajnuna li ġejja qed tintalab mis-Segretarjat għall-evalwazzjoni tas-sustanza kimika:

TAQSIMA 6 INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI RILEVANTI, LI TISTA' TINKLUDI DAN LI ĠEJ:

- Din is-sustanza kimika hi attwalment irreġistrata f'dan il-pajjiż? Iva Le
- Din is-sustanza kimika hi mmanifatturata f'dan il-pajjiż? Iva Le
- Jekk weġibt iva għal xi waħda minn dawn iż-żewġ mistoqsijiet:**
- Din is-sustanza kimika hi maħsuba għall-użu domestiku? Iva Le
- Din is-sustanza kimika hi maħsuba għall-esportazzjoni? Iva Le

Kummenti oħra

Skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, li jimplimenta s-Sistema Globalment Armonizzata tan-NU tal-Klassifikazzjoni u l-Iltikkettar ta' Sustanzi Kimiċi fl-UE, id-DDT hija kklassifikata bħala:

Tossiċità Akuta 3* – H 301 – Tossiku jekk jinbela'.

Karċinoġeniċità 2 – H 351 - Suspettat li jikkawża l-kanċer.

Stot. RE 1 * – H 372 – Jista' jikkawża ħsara lill-organi minħabba espożizzjoni fit-tul jew ripetuta.

Akkwatiku Akut 1 – H 400 - Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi.

Akkwatiku Kroniku 1 – H 410 - Tossiku ħafna għall-organiżmi li jgħixu fl-ilma b'mod li jħalli effetti dejjiema.

(* = Din il-klassifikazzjoni għandha titqies bħala klassifikazzjoni minima)

TAQSIMA 7 AWTORITÀ NAZZJONALI MAĦTURA

Istituzzjoni	Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent
Indirizz	Rue de la Loi 200, 1049 Brussell, il-Belġju
Isem il-persuna inkarigata	Dr. Juergen Helbig
Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata	Uffiċjal Prinċipali għall-Politika
Numru tat-telefown	+32 22988521
Numru tal-faks	+32 22967616
Indirizz tal-posta elettronika:	Juergen.Helbig@ec.europa.eu

Id-data, il-firma f'isem l-awtorità nazzjonali maħtura u s-siġill uffiċjali:

JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT IL-FORMOLA MIMLIJA LURA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
00100 Rome
ITALIA

JEW

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programme (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH - 1219 Châtelaine, Geneva
SWITZERLAND

Tel. +39 0657053441
Faks +39 0657056347
Posta elettronika: pic@pic.int

Tel. +41 229178177
Faks +41 229178082
Posta elettronika: pic@pic.int